

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-
KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5335 — Lufthansa/SN Holding (Brussels Airlines))

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 312/09)

1. Fis-26 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Deutsche Lufthansa AG ("Lufthansa", il-Ġermanja) takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, kontroll sħiħ tal-impriża SN Airholding SA/NV ("SNAH", il-Belġju) permezz tax-xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet tan-negozju tal-impriżi kkonċernati huma:
 - għal-Lufthansa: trasport bl-arju ta' passiġġieri u tagħbija u servizzi relatati (forniment ta' ikel u xorb waqt it-titjira, servizzi tal-IT, manutenzjoni u tiswija ta' inġenji tal-arju),
 - għal SNAH: trasport bl-arju ta' passiġġieri u tagħbija, forniment ta' ikel u xorb waqt it-titjira.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija rriżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.5335 — Lufthansa/SN Holding (Brussels Airlines), fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussell

(¹) ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.